Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 27/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 23 ta' Novembru 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Preżenti |
| Sur Clayton Cascun | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Online |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Assenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**27. 1 Ittri ta' Apoloġija**

27.1.1 Il-President semma li s-Sur Dominic Grima kien talab sabiex ikun skużat mil-laqgħa minħabba impennji oħrajn. Filwaqt li s-Sur Wayne Aquilina talab li jidħol għal-laqgħa online minħabba li kien rikoverat id-dar. Għaldaqstant il-President talab li li filkaż tas-Sur Grima jitniżżel bħala skużat waqt li dawk li ma nnotifikawx li ser jattendu jitiniżżlu assenti.

**27.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 26**

27.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 26 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pace, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**27.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 23**

27.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clive Pulis u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 t' Ottubru 2023 u t-23 ta' Novembru 2023 li kienet tammonta għall-€241,081.15.

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

**27.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Estimi Finanzjari għas-sena 2024**

27.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ir-rapportl-estimi finanzjarji għas-sena 2024. Tat ħarsa lejn l-overview tar-rapport kif ukoll il-figuri li kien hemm indikati fir-rapport.

27.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joseph Abela Galea ir-rapport kien approvat hekk kif preżentat.

**27.5 Punti oħrajn**

**27.5.1 Belt Kapitali Ewropea 2031**

Il-President semma li kienet saret laqgħa oħra mal-Kunsill tal-Birgu flimkien mar-Reġjun t' Għawdex u l-Kunsill Lokali tar-Rabat għand il-Ministru l-Onor. Owen Bonnic. Semma li għal din il-laqgħa attendiet ukoll l-Onor. Zerafa Civelli fil-preżenza wkoll tas-Segretarju Permanenti u Chief of Staff taż-żewġ Ministeri. Semma wkoll li kien hemm preżenti is-Sur Jason Micalled u s-Sa. Cathrine Tabone mill-Valletta Cultural Agency. Il-President semma li huwa jinstab iddisappuntat kif dejjem u f' kull laqgħa Ministerjali r-Reġjun Port kien jidher li huwa falla fl-implimentazzjoni ta' din il-ħaġa u li kien għadu ma sar xejn meta kkomparat ma' dak li qed isir f' Għawdex. Il-President semma li f' din il-laqgħa ħareġ biċ-ċar li ż-żewġ Reġjuni qegħdin fl-istess ilma.

Is-Sur John Boxall semma li huwa kien avviċina lis-Sur Peter Portelli sabiex ikun qed jassisti lir-Reġjun sabiex jaħdem fuq il-Bid Book.

Fuq proposta tas-Sur Boxall, issekondata mill-President, l-Eżekuttiv approva li s-Sur Portelli jagħti l-konmtribut tiegħu f' dan il-proċess.

Is-Sur Wayne Aquilina semma li għandu jkun hemm konsultazzjoni mas-Sindki kurrenti ta' kull lokalita'. Kemm il-President kif ukoll is-Sur Boxall semmew li l-konsultazzjoni ser issir mill-aktra fiss possibbli.

Il-President semma li kull Sindku għadu jiġi b' ideat ta' proġetti għall-lokalita' rispettiva.

Is-Sur Boxall semma li s-Sur Portelli għandu bżonn li jkollu Direttur Artistiku u Koordinatur. Dan biex jassistuh fil-kompilazzjoni tal-Bid Book. Fuq proposta tas-Sur Boxall issekondata mill-President, il-Kumitat approva dak propost.

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

**27.5.2 Direttiva 2/2023**

Il-President semma li d-Dipartiment kien ħareġ Direttiva 2/2023 rigward is-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Uffiċjali Maniġerjali. Il-President semma li kif kien mifthiem fl-aħħar laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet għall-permess mid-diviżjoni sabiex jinħarġu dawn l-impjigi fuq il-kundizzjonijiet li kie hemm qabel ħarġet id-direttiva. Il-President semma li din it-talba ma ġietx milqgħuha mid-Diviżjoni u għaldaqstant huwa qed jinsisti li jżomm mal-prinċipju li ħadu sħabu l-kumplament tal-President ta' Tramuntana, Punent, Lvant u Għawdex u ma tinħareġ l-ebda sejħa bil-undikzzjonijiet skond Direttiva 2/2023.

.

**27.5.4 Bini Amministrattiv Reġjun Port u Tribunal Lokali Żejtun**

Il-President semma li kien hemm laqgħa mal-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli u jidher li dawn iridu jagħtu b'slef biċċa art ġewwa l-Fgura għall-użi komunitarju.
Il-President semma li ser ikunu qed jitkomplu d-diskussjonijiet magħhom.

**27.5.5 Live Streaming tal-Laqgħat tar-Reġjun**

Il-President semma li t-talba tal-Kumitat ma ġietx milqgħuha u li r-Reġjun minn Jannar 2024 ser ikun qed jara li jagħmel il-laqgħat live stream.

**27.5.6 Vettura Elettrika**

Il-President semma li baqa' ma sema xejn mill-Kunsill Lokali Żejtun. Għaldaqstant ix-xiri ta' dan il-vann għadu pendenti.

**27.5.7 Sekmi Reġjun Port**

Il-President fakkar sabiex il-Kunsilli li għadhom ma bagħtux kif ser jieħdu l-fondi tal-iskemi għandhom jagħmlu dan mill-aktar fiss possibbli.

**27.5.8 Latrini fis-Suq tal-Birgu**

Il-President semma li rċieva rikjesta li Customer Care tal-OPM sabiex ir-Reġjuni jara kif flimkien mal-Kunsilli Lokali jassisti sabiex kull nhar ta' Tlieta jiġu provduti latrini waqt li jkun għarmat is-suq tal-Birgu.
Is-Sur Joseph Abel Galea semma li dan ser joħloq preċident ikrah ħafna fejn kull lokalita' li fiha jarma l-monti jew hija tristika ser tkun qed titlob li jkollha din it-tip t' għajnuna mir-Reġjun.
Filwaqt li dawk preżenti kienu kontra li l-Kunsilli jagħtu sehmhom finanzjarjament sabiex isiru dawn il-mobile toilets, is-Sur Marco Agius astjena milli jikkumenta.
Is-Sur Wayne Aquilina semma li għandha tintbgħat komunikat lil OPM fejn nissuġġerixxu lir-Reġjun mjipproponi li l-Gvern jidentifika biċċa art fil-viċin li fiha ssir latrina.

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

**27.5.9 Self ta' Fondi mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali**

Il-President semma li kien irċieva ftehim sabiex id-Diviżjoni isellef lir-Reġjun ftit inqas minn €150,000 sabiex jintużaw sabiex jitħallas is-servizz tal-iskart. Il-President irrimarka li huwa ma jaqbilx ma' dan l-arranġament u ma kienx lest li jiffirma.
Wara diskussjoni interna, is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-ftehim u kien hemm qbil li dan jiġi iffirmat u mibgħut lid-Diviżjoni.

**27.5.10 Kottonera NYE event**

Il-President semma li kien irċieva rikjesta mill-Kunsilli tal-Isla, Birgu, Bormla u Kalkara sabiex ir-Reġjun joħroġ €50,000 għa din l-attivita'.
Wara diskussjoni u kummenti minn diversi Sindki li kienu preżenti kien konkluż li ma kienx hmm qbil li r-Reġjun jeraġa' joħroġ €50,000 sabiex il-Kusnilli imsemmija jagħmlu attivita' tal-aħħar tas-sena. Is-Sindki li kienu preżenti u ma qablux insistew li kien imisshom li dawn il-Kunsilli Lokali użaw €10,000 li r-Reġjun ta lil kull lokalita' sabiex isiru attivitajiet lokali. Semmew li dan issa ma kienx ġust li wara li ħadu €10,000 issa ser ikun hemm talba għal €50,000 addizzjonali.
Il-President ra min mhux qed jaqbel ma' din il-proposta u kien deċiż li dawn il-fondi ma jingħtawx peress li ma kienx hemm qbil bejn il-maġġoranza tas-Sindki.
Is-Sindki tal-Kottonera qablu li jitneħħa l-logo tar-Reġjun minn fuq il-marketing kollu likien għaddej. Huma spjegaw li huma xtaqu li r-Reġjun jieħu ownership ta' din l-attivita'. Semmew li dan kien hemm drabi li kien ukoll diskuss mal-Onor. Dr. Owen Bonnici u l-Onor. Alison Zerafa Civelli.
Il-President għamilha ċara li huwa ma kienx konxju li ħiereġ marketing bil-logo tar-Reġjun Port fuqu qabel din il-materja kienet ser tkun diskussa fil-laqgħa tra-Reġjun. Is-Sindki organizzaturi ta' din l-attivita' ikkonfermaw dan u qalu li huma inkludew il-logo minn jheddhom sabiex jagħtu mill-ewwel promozzjoni lir-Reġjun f' din l-attivita'.

**27.5.11 Proposta mill-Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku tal-Floriana semma li s-sena d-dieħla l-lokal tal-Floriana kien ser jagħlaq 300 sena. Semma li bħala Kunsill xtaqu l-għajnuna tar-Reġjun sabiex jagħmlu attivitajiet tul is-sena kollha.
Il-President semma li fil-budget tas-sena 2024 hemm allokati fondi li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jibbenifikaw minnhom għall-attiviatjiet li jsiru fil-lokalita'. Għaldaqstant, jekk din l-attivita' issir f' Mejju 2024, il-Kunsilli ikun jista' juża' dawn il-fondi.

Port Regional Council
Kunsill Reġjonali Port

**27.6 Aġġornament**

27.6.1 Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

**Chev Paul Farrugia**
**President Reġjun Port**

**Lianne Cassar**
**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**